## IN MEMORIAM: FONZU MARIA BORG

B'dispjaċir kbir inħabbru l-mewt f'Għadwex tas-Sur Fonzu Maria Borg, wieħed mill-membri ewlenin tal-Għaqda, bniedem li kien wera l-akbar heġġa sa mit-twaqqif tal-Għaqda għat-tixrid tal-kitba tal-Malti fuq is-sistema tal-Għaqda fost il-kittieba tal-Malti, l-iktar fost il-ġurnalisti.

Is-Sur Fonzu Maria Borg kien wieħed mill-ewwel membri tal-Kunsill tal-Għaqda; barra minn dan, bħala wieħed mill-promoturi tal-"Workers' Union", kien sewa ta' bosta ġid u għajnuna għall-miljorament ta' l-istat tal-ħaddiem Malti.

Il-kwalitajiet morali u soċjevoli tiegħu, it-tjubija u l-umiltà karatteristika tiegħu kienu, sew fost sħabu li kienu jaħdmu miegħu fit-Tarzna kemm fost is-soċjetà u ħbieb oħra tiegħu, il-mezz li matul ħajtu kisbulu l-imħabba u l-qima ta' kull min kien jagħmilha miegħu jew jaħdem miegħu. L-Għaqda, bil-mewt tiegħu, tilfet wieħed mill-eqdem benefatturi tagħha, li baqa' marbut magħha sa l-aħħar ta' ħajtu..

Nitolbu għall-mistrieħ u paċi ta' ruħu.

## IMĦABBA U EGOIŻMU

*Ta'* PAUL CARUANA

Kien fl-eqqel waqt ta' mħabba meta nfexxet
u Alla ma felaħx u lissen kelma,
u oħra, u oħra, u fuq il-baħħ għammieqi
deh'r il-ħolqien fil-milja ta' sbuħitu
jiddi kemm kemm il-ġmiel u l-kobor t'Alla,
bħalma f'qatr' ilma is-smewwiet jinġabru.
U Alla strieħ u thenna b'dak li ħeles,
li kien iħaddan Fih minn dejjem.

Heġġet ħafifa x-xrara ta' l-imħabba
li Alla silet Minnu u laqqamha
fil-qalb ħanina u kbira tan-Natura,
u minnufih minn fomm il-ħlejjaq kollha
fawret għanja ta' ħajr u ta' foħrija
li dwiet setgħana fuq is-skiet mistagħġeb.
Il-ħlejjaq kollha jtennu din il-għanja
magħġuna fihom, bla nuqqas, bla heda;
il-bniedem waħdu, is-sultan imkabbar,
li jrid u jifhem, ħassar dis-sbuħija
u waqqaf saltna t'għira u ta' ħruxija.



## IL-MILIED IT-TAJJEB

*Ta'* ĠUŻE' BORG PANTALLERESCO

*Lill*-PROF. GIUS. GALEA.

Ruħ ġentili,
bil-ħlewwa
u l-fwieħa tal-frott
kull sena li għaddiet
xtaqt wassaltilkom il-għana tiegħi
f'jiem il-Milied;
biex nixgħel tbissima ħelwa
fuq xofftejkom,
u nara dmugħ ta' feraġ
fi sbieħ għajnejkom.

Anki s-sena,
ta' mħabbti
qiegħed inroddilkom il-ħaraġ
b'dawn il-versi fqar,
safja bħall-bjuda tal-ġilju,
għalkemm bla ħlewwa tal-frott
u bla fwieħa ta' baħar,

* * *

Mill-isbaħ
nixtiqilkom dal-jiem
kif xtaqithomli ommi
meta ma' tagħha kont inressaq fommi
bi gratitudni.
Aktar ma setgħetx tixtieqli
minn dak li l-lum qiegħed nixtiqilkom.

* * *

J'Alla l-għomor ikunilkom
*ħelu*
bħall-bewsa ta' wliedkom
fuq ħaddejkom
*sbieħ*
bħad dawl
li jżejjen għajnejkom!